

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/527**tal-1 ta' April 2022****li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku "ARIEL chlorine Professional System 5 chlorine bleach for white wash"****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-11 ta' Diċembru 2018, Procter & Gamble Services Company NV ressqet applikazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") f'konformità mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għall-awtorizzazzjoni ta' prodott bijoċidali uniku bl-isem "ARIEL chlorine Professional System 5 chlorine bleach for white wash" tat-tip ta' prodotti Nru 2, kif deskritt fl-Anness V ta' dak ir-Regolament, li tippovdi konferma bil-miktub li l-awtorità kompetenti tal-Belġju kienet qablet li tevalwa l-applikazzjoni. L-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru tal-każ BC-ER045796-14 fir-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali.
- (2) "Ariel chlorine Professional System 5 chlorine bleach for white wash" fih il-kloru attiv rilaxxat mill-ipoklorit tas-sodju bħala s-sustanza attiva inkluża fil-lista tal-Unjoni ta' sustanzi attivi approvati msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (3) Fil-25 ta' Novembru 2020, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ppreżentat, f'konformità mal-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, rapport ta' valutazzjoni u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tagħha lill-Aġenzija.
- (4) Fil-5 ta' Lulju 2021, l-Aġenzija ressqet lill-Kummissjoni opinjoni ⁽²⁾, l-abbozz tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali ("SPC") tal-"ARIEL chlorine Professional System 5 chlorine bleach for white wash" u r-rapport finali tal-valutazzjoni dwar il-prodott bijoċidali uniku f'konformità mal-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (5) L-opinjoni kkonkludiet li l-"Ariel chlorine Professional System 5 chlorine bleach for white wash" huwa prodott bijoċidali uniku skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(r) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li huwa eliġibbli għall-awtorizzazzjoni tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 42(1) ta' dak ir-Regolament u li, soġġett għall-konformità mal-abbozz tal-SPC, jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(1) ta' dak ir-Regolament.
- (6) Fit-30 ta' Lulju 2021, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni abbozz tal-SPC fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (7) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Aġenzija u għalhekk tqis li huwa xieraq li tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-"ARIEL chlorine Professional System 5 chlorine bleach for white wash".
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

⁽¹⁾ ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.⁽²⁾ L-opinjoni tal-ECHA tas-16 ta' Ġunju 2021 dwar l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-prodott bijoċidali "Ariel chlorine Professional System 5 chlorine bleach for white wash" (ECHA/BPC/282/2021). <https://echa.europa.eu/it/opinions-on-union-authorisation>.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Qed tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru tal-awtorizzazzjoni UE-0026814-0000 lil Procter & Gamble Services Company NV għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-prodott bijoċidali uniku "ARIEL chlorine Professional System 5 chlorine bleach for white wash" f'konformità mas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali stabbilit fl-Anness.

L-awtorizzazzjoni tal-Unjoni hija valida mill-24 ta' April 2022 sal-31 ta' Marzu 2032.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal prodott bjoċidali

ARIEL Chlorine Professional System 5 Chlorine Bleach for white wash

Prodott tip 2 — Diżinfettanti u alkaċidi li mhumiex maħsuba għall-applikazzjoni diretta fuq il-bnedmin jew fuq l-annimali (Diżinfettanti)

Numru tal-awtorizzazzjoni: EU-0026814-0000

Numru tal-ass R4BP: EU-0026814-0000

1. INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**1.1. Isem (ismijiet) kummerċjali tal-prodott**

Isem kummerċjali	ARIEL Chlorine Professional System 5 Chlorine Bleach for white wash
------------------	---------------------------------------------------------------------

1.2. Detentur tal-awtorizzazzjoni

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	Procter & Gamble Services Company NV
	Indirizz	Temselaan 100, 1853 Brussels Il-Belġju
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0026814-0000	
Numru tal-ass R4BP	EU-0026814-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	L-24 ta' April 2022	
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni	Il-31 ta' Marzu 2032	

1.3. Manifattur(i) tal-prodott

L-isem tal-manifattur	Sutter Industries S.p.A
L-indirizz tal-manifattur	Località Leigozze 1, Borghetto, 15060 Borbera Italja
Post ta' siti ta' manifattura	Località Leigozze 1, Borghetto, 15060 Borbera Italja

1.4. Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)

Sustanza attiva	Kloru attiv rilaxxat mill-ipoklorit tas-sodju
L-isem tal-manifattur	ALTAIR CHIMICA S.p.A.
L-indirizz tal-manifattur	Via Moie Vecchie n.13, 56048 Saline di Volterra (PI) Italja
Post ta' siti ta' manifattura	Via Moie Vecchie n.13, 56048 Saline di Volterra (PI) Italja

2. **KOMPOŻIZZJONI U FORMULAZZJONI TAL-PRODOTT**2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva fuq il-kompożizzjoni tal-prodott**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)
Kloru attiv rilaxxat mill-ipoklorit tas-sodju		Sustanza attiva			9,05
Ipoklorit tas-sodju	Ipoklorit tas-sodju	Sustanza mhux attiva	7681-52-9	231-668-3	9,5

2.2. **Tip ta' formulazzjoni**

E - konċentrat Jinħall

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U PREKAWZJONI**

Dikjarazzjonijiet dwar Periklu	Jitfa' gass tossiku meta jmiss l-aċidi. Jista' jkun korrużiv għall-metalli. Jagħmel ħruq serju lill-ġilda u ħsara lill-ġhajnejn. Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema.
Dikjarazzjonijiet dwar Prekawzjoni	Żomm biss fl-imballaġġ oriġinali. Tiblx man-nifs fwar. Aħsel idejk sew wara li timmaniġġjah. Evita r-rilaxx fl-ambjent. Ilbes ingwanti protettivi. Ilbes protezzjoni għall-ġhajnejn. Ilbes ilbies protettiv. Sejjaħ minnufih ċentru tal-avvelenamenti jew tabib/speċjalista. JEKK JINBELA':Laħlaħ ħalqek.TIPPROVOKAX ir-remettar. F'KAŻ TA' KUNTATT MAL-ĠILDA (jew ix-xagħar):Neħħi minnufih il-ħwejjeġ kontaminati kollha.Laħlaħ il-ġilda bl-ilma. JEKK JINĠIBED MAN-NIFS:Qiegħed lill-persuna għall-arja friska f'pożizzjoni komda biex tieħu n-nifs. JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti.Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Kompli laħlaħ. Aħsel il-ħwejjeġ kontaminati qabel terġa' tużahom. Assorbi t-tixrid biex tipprevjeni ħsara fil-materjal. Iġbor it-tixrid. Aħżen f'post imsakkar. Armi l-kontenut fi qbil mar-regolamenti lokali. Armi il-kontenitur fi qbil mar-regolamenti lokali.

4. UŻU(IJ)ET AWTORIZZATI

4.1. Deskrizzjoni tal-użu

Tabella 1. Uża # 1 – Dizinfazzjoni ta' ħwejjeġ tal-ħasil (ħasil bil-magna) fil-fażi tat-tlaħliħ ta' wara l-ħasil

Tip ta' Prodott	TP 02 - Diżinfettanti u alkaċidi li mhumiex maħsuba għall-użu dirett fuq il-bnedmin jew l-annimali
Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	isem xjentifiku: ebda data isem komuni: Bacteria istadju iżvilupp: ebda data isem xjentifiku: ebda data isem komuni: Yeasts istadju iżvilupp: ebda data
Qasam tal-użu	Ġewwa F'magni tal-ħasil professjonali (bħal magni tal-ħasil f'restoranti, lukandi, djar tal-kura u faċilitajiet mhux tal-kura tas-saħħa) permezz ta' programmi ta' dożaġġ magħluqin awtomatiċi: Dizinfazzjoni ta' bjankerija wara t-tindif. Il-prodott jista' jintuża biss ma' tagħmir tad-dożaġġ awtomatiku professjonali ta' Procter & Gamble. Il-prodott mhuwiex awtorizzat għal dożaġġ manwali.
Metodu(i) ta' applikazzjoni	Metodu: sistema magħluqa Deskrizzjoni dettaljata: -
Rata (rati) ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' Applikazzjoni: 10,0 ml/l Dilwizzjoni (%): Numru u ħin tal-applikazzjoni: Il-prodott jiżdied darba permezz ta' dożaġġ awtomatiku, għad-dizinfazzjoni ta' ħwejjeġ tal-ħasil nodfa: wara l-pass tal-ħasil/tindif li jsir bl-użu tal- Ariel S1 Actilift deterġent (bl-isem kummerċjali ta' Ariel System S1), l-ilma jiġi skulat/estratt. Wara l-mili mill-ġdid b'ilma nadif, il-prodott jiġi miżjud għall-ħasla ewlenija/l-ewwel banju tat-tlaħliħ. Il-prodott huwa effikaċji fuq oġġetti nodfa meta jintuża b'10 ml/l waqt ħin ta' kuntatt ta' 15-il minuta f'+40 °C (proporzjon ta' soluzzjoni = 1:5; b'taġħbija tas-saborra ta' 4 kg)
Kategorija(i) tal-utenti	Professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Flixkun tal-HDPE ta' 10 l-20 l b'manku fformat u għatu tas-sikurezza b'lukkett u ċavetta. Iċċertifikat mill-UN għal Oġġetti Perikolużi.

4.1.1. Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.2. Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.3. Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza biex jipproteġu l-ambjent

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.4. Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.5. Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

5. DIREZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU ⁽¹⁾

5.1. Istruzzjonijiet għall-użu

Il-prodott bijoċidali ARIEL Chlorine Professional System 5 chlorine bleach for white wash huwa maħsub biex jintuża biss waqt il-ħasla ewlenija, wara ħasla minn qabel b'taġħmir tad-dożaġġ Procter & Gamble Professional għad-diżinfazzjoni ta' ħwejjeġ tal-ħasil nodfa:

- Pass 1 tindif b'Ariel System S1 (li tista' ssir referenza għalih bħala l-ħasla minn qabel jew il-ħasla ewlenija) f'40 °C għal 10 min: L-ilma tal-ħasil jiġi skulat, estratt, u jimtela mill-ġdid b'ilma nadif qabel il-pass 2;
- Pass 2 diżinfazzjoni: tista' ssir referenza għalih bħala l-ħasla ewlenija (jekk l-ewwel pass huwa l-ħasla minn qabel jew l-ewwel banju ta' tlaħħil (jekk l-ewwel pass huwa l-ħasla ewlenija). It-tieni pass li jinkludi ARIEL Chlorine Professional System 5 chlorine bleach for white wash jitwettaq dejjem f'40 °C għal 15-il minuta. Dan huwa segwit minn 1-2 fażijiet ta' tlaħħil u skular u fl-aħħar l-estrazzjoni bi spinjatura.

5.2. Miżuri ta' 'mitigazzjoni ta' riskju

Waqt l-immaniġġjar tal-prodott u l-manutenzjoni tal-magni (tiswija ta' sistema tad-dożaġġ miksur):

- Ilbes ingwanti protettivi reżistenti għas-sustanzi kimiċi (EN 374).
- Ilbes protezzjoni tal-ġhajnejn (EN 166)
- Ilbes tuta protettiva (li trid tkun speċifikata mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni tal-prodott).

5.3. Partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u l-miżuri ta' emerġenza biex jiproteġu l-ambjent

Jekk jinbela: Laħlaħ ħalqek minnufih. Agħti lill-persuna esposta xi ħaġa x'tixrob jekk din tista' tibra'. TIPPROVOKAX ir-remettar. Sejjaħ lill-112/ambulanza għal għajnuna medika.

F'każ ta' kuntatt mal-ġilda: Aħsel minnufih b'ħafna ilma. Neħħi l-ħwejjeġ kontaminati kollha u aħsilhom qabel terġa' tilbishom. Aħsel bis-sapun u l-ilma u kompli laħlaħ għal 15-il minuta. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

Jekk jidħol fl-ġhajnejn: Laħlaħ minnufih bl-ilma għal ħafna minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Komplu laħlaħ għal tal-inqas 15-il minuta. Sejjaħ minnufih lill-112/ambulanza għal għajnuna medika.

Jekk jinġibed man-nifs: Esponi lill-vittma għall-arja friska u żommha mistrieħa f'pożizzjoni komda biex tkun tista' tieħu n-nifs. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

5.4. Istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

Għal konteniment:

- Iġbor is-sustanza assorbita f'kontenituri magħluqin. Tużax kontenituri tal-metall.

Metodi għat-tindif:

- Kwantitajiet zġhar ta' likwidu mifrux: iġbor b'materjal assorbenti mhux kombustibbli u uża pala biex titfa' f'kontenitur għar-rimi. Tixrid kbir: ikkontjeni s-sustanza rilaxxata, ippompja għal ġo kontenituri xierqa. Tużax kontenituri tal-metall.

⁽¹⁾ L-istruzzjonijiet għall-użu, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji u struzzjonijiet oħrajn għall-użu taħt din it-taqsimha huma validi għal kull użu awtorizzat.

Rimi:

- Dan il-materjal u l-kontenitur tiegħu għandhom jintremew f'mod sikur, skont il-leġiżlazzjoni lokali/reġjonali/nazzjonali.
- Tferrix prodott mhux użat fl-art, fil-korsiji tal-ilma, f'pajpijiet (sink, tojlits...) u lanqas fid-drenaġġ.

5.5. **Kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Kundizzjonijiet ta' ħażna:

- Aħżen fil-kontenitur oriġinali.

Materjali inkompatibbli:

- Metalli. aċidi. Jirreaġixxi ma' (xi) aċidi: rilaxx ta' gassijiet/fwar tossiċi (ħafna) (tal-klorin). Jista' jkun korrużiv għall-metalli.

Huwa pprojbit il-ħżin imħallat:

- Żomm biss fil-kontenitur oriġinali f'post frisk u vventilat tajjeb 'il bogħod minn aċidi (qawwijin).

Post tal-ħżin

- Aħżen f'post frisk. Aħżen f'post niexef.
- Taħżinx f'temperatura oġhla minn 30 °C.
- Ipproteġi mill-ġlata.
- Żomm 'il bogħod mid-dawl tax-xemx dirett.
- Kemm idum tajjeb il-prodott: 12-il xahar

6. **INFORMAZZJONI OĦRA**
